MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 554/2003

**Avviz numru 554/03 DM**

**Tereza Aquilina**
**Vs**
**John Bonett**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut prevja d-dikjarazzjoni tat-terminazzjoni ta' kull titolu li seta' kellu, jizgombra fiz-zmien li jigi lilu prefiss minn dina l-Qorti mill-fond numru 137 gia' 90, Atocia Street, Hamrun, proprjeta' ta' l-attrici stante li llum hu qed jokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.**

**Ghal kull buon fini jigi dikjarat li l-valur lokatizju ma jeccedix l-hames mitt lira Maltin (Lm500) fis-sena.**

**Bl-ispejjez u bil-konvenut li minn issa gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecceppixxa illi :**

**1. It-talba tal-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut John Bonnett kien u ghadu jokkupa l-fond numru 137, gia' 90, Atocia Street, Hamrun taht titolu validu u vigenti fil-ligi.**
**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm il-konvenut ipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet fejn allega illi huwa qieghed jokkupa l-fond in kwistjoni taht titolu validu u vigenti fil-ligi huwa naqas illi jispecifika x'inhu t-titolu li qed jivvanta u anke naqas illi jgib provi biex jikkontesta t-talba attrici.

Minn naha taghha l-attrici ppruvat konklussivament illi l-fond in kwistjoni kien gie koncess in enfitewsi temporanja lil certu Charles Xuereb ghal zmien wiehed u ghoxrin (21) sena li skadew fil-31 ta' Mejju, 2003, u illi dan l-istess Xuereb fl-1985 kien ghadda z-zmien li fadal ta' din l-emfitewsi lill-konvenut.

F'eghluq din l-emfitewsi l-konvenut, ghalkemm abbanduna l-fond in kwistjoni, ma kkonsenjax il-pussess lis-sidien billi zamm il-post imsakkar u zamm ic-cwievet fil-pussess tieghu.

Ghaldaqstant issib illi effettivament il-konvenut m'ghandu ebda titolu validu fil-ligi sabiex jibqa' izomm fil-pussess tieghu l-fond in kwisjoni u konsegwentement qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jizgombra

mill-fond 137, gja 90, Atocia Street, il-Hamrun, u ghall-fini ta’ l-izgumbrament qieghda tipprefiggi gimghatejn mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------